MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 41/8

It-Tlieta 9 ta' Frar 2021

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

041.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

041.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti (39/08 [12/1/2021])

041.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

041.4 Is-Sitwazzjoni ta` Triq Il-Kbira;

041.5 Hatra ta` Deputat Segretarju Ezekuttiv mall-Kunsill Lokali tal-Gudja;

041.6 Intervisti: Post Vakant ghall-Ufficjal Ezekuttiv (skala 13) mall-Kunsill Lokali tal-Gudja;

041.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

041.8 Rapporti;

041.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

041.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

041.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta u ghaxra ta` filgħaxija (6.10pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 041.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija.

### 041.2. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti (39/08 [12/1/2021])

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 39/8 nem con.

Il-Kunsillier MA Sammut ghamel referenza ghal-laqghat tal-Kunsill minn numru 32-37, fejn talab li dawn jitellghu fuq il-website.

Is-Sur Sammut ghamel referenza wkoll ghall-item numru 39.3.9 dwar it-talbiet ta` zewg ghaqdiet ghall-monument fil-Gudja, fejn staqsa jekk kienx hemm xi zvilupp.

Is-Sindku spjegat li l-Kunsill m`hiex l-unika entita` li tista` tapplika imma kull entita governativa tista` taghmel dan. Il-Kunsillier MA Sammut staqsa ghalfejn il-Kunsill m`ghandhux japplika, fejn propona li l-Kunsill ghandu japplika ghal min m`ghandhux monument. Is-Sindku qalet li l-Kusill m`ghandu japplika la ghal ghaqda u lanqas ghal ohra.

Il-Kunsillier S Caruana qal li huwa qatt ma qabel li l-Kunsill jaghti no objection liz-zewg ghaqdiet ghall-istess post.

Is-Sindku ziedet tghid li hija qatt ma weghdet xejn lill-hadd u li ma kien hemm ogezzjoni ghall-ebda talba. Il-Kunsillier MA Sammut qal li l-Kunsill ghandu jghin f`din is-sitwazzjoni.

Il-Kunsillier MA Sammut propona li l-Kunsill ghandu japplika f`isem dik is-socjeta/ghaqda li ghad m`ghandhiex monument fil-lokalita, jekk dejjem huwa, il-Kunsill li jrid japplika ghan-nom taghhom, b`hekk iz-zewg ghaqdiet jigu ugwali. Is-Sindku qalet li l-Kunsill mhux lest li jidhol bejn iz-zewg kazini u l-piki ta` bejniethom.

s-Sindku konkludiet billi qalet li l-vot ghandu jittiehed wara li l-Kunsill jircievi direzzjoni mid-Direttur tal-Gvern Lokali.

041.3. **Komunikazzjoni mis-Sindku;**

041.3.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kien hemm qbil fejn ser isir il-bus shelter ta` Triq Hal-Ghaxaq u ghalhekk qed nistennew li jsiru xoghlijiet mehtiega.

041.3.2 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kien hemm talba minghand il-hanut Bolts and Nuts sabiex isir un/loading bay. Il-Kunsill approva din it-talba bil-kundizzjoni li l-hinijiet isiru matul il-hinijiet tal-ftuh tal-hanut.

04.3.3 Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jiccekja dwar reserved parkings li hemm fi Triq San Pawl u Wesgha Anglu Dalli.

041.3.4 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva dwar l-inizjattiva tal-Earth Hour. Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li jinforma lill-Arcipriet biex tintefa` dawl tal-Knisja u tinxtghel bil-fjakkoli.

041.3.5 Is-Sindku ghamlet referenza ghac-charging pillars, fejn nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill ghamel is-suggerimenti tieghu ta` fejn jixtieq jinstalla dawn il-pillars.

041.3.6 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar korrispondenza li ntbghatet lill-Ministru Herrera dwar ir-restawr tal-Bir Puniku, fejn gejna nfurmati li ser jibda l-process biex isir restawr neccessarju.

041.3.7 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-IBINS tal-Housing Estate tal-Mithna, fejn talbet sabiex isir laqgha mar-rapprezentanti tal-Green Pak fuq il-post halli tinsab soluzzjoni.

041.3.8 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand ir-Regjun Nofinshar dwar il-binja amministrattiva l-gdida tal-istess Regjun.

041.3.9 Prezentata l-applikazzjoni ghall-Skema ta` Restawr ghall-Postijiet u Monumenti Storici fejn s-Sindku proponiet biex il-Kunsill japplika ghall-restawr tal-kapella ta` Loretu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

041.3.10 Is-Sindku nfurmat lill-membri tal-Kunsill fejn lokalitajiet fi hdan ir-Regjun ser jinbidlu. Is-Sindku ziedet tghid li l-Kunsill ser jkun jista` jibbenifika minn diversi servizzi professjonali.

041.3.11 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Skema tal-Librerjiji mneddieha mir-Regjun Nofsinhar. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jinxtraw kotba godda ghall-Librerija, kotba li jintuzaw bis-sistema tal-online.

041.3.12 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-cable ta` dawl li jaghti ghall-fanali tal-Gnien R.Caruana, fejn l-Enemalta qed tghid li cable huwa tal-Kunsill ghax il-Kunsill jiehu hsieb il-manutenzjoni tal-Gnien. Is-Sindku ziedet tghid li l-Kunsill jiehu hsieb biss il-manutenzjoni u li l-Gnien mhux devolut lill-Kunsill.

041.3.13 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-parkegg fi Triq Bir Miftuh, specifikament ghal dik il-parti ta` quddiem Gnien il-Kmand, fejn gie maqbul li l-parkegg isir karrozza wara karrozza.

041.3.14 Prezentata korrispondenza dwar espressjoni ta` nteress dwar sigar tal-palm li ser jinghataw mill-Ministeru tal-Agrikolutura u Sajd. Il-Kunsill qabel li jitlob ghal 10 sigriet biex isiru f'Dawret il-Gudja.

041.3.15 Giet prezentata Skema ghall-Attivitaijiet Kulturali 2021, fejn il-Kunsll qabel li ninvolvu l-ghaqdiet u tintbghat kopja ta` din il-korrispondenza.

041.3.16 Giet prezentata kwotazzjoni ta` installazzjoni ta` belishia lights fi Vjal it-Torri.

041.3.17 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-kwotazzjonijiet tal-Manutenzjoni tal-Latrini fejn il-Kunsill approva unanimament kwotazzjoni li tammonta ghall-4,800Euros. Il-kunsilliera M Micallef talbet biex meta jintalbu l-kwotazzjonijiet tigi ffisata data.

041.4. **Is-Sitwazzjoni ta` Triq il-Kbira;**

Is-Sindku nfurmat lill-membri tal-Kunsill li tabelli ta` traffiku kienu ordnati. Is-Sindku ziedet tghid li raguni li dawn it-tabelli ma sarux minhabba xoghlijiet li hemm ghaddejin fi Triq Hal-Resqun . Gie ssugerriet li tintbghat ittra lir-residenti dwar din is-sitwazzjoni.

041.5 **Hatra ta` Deputat Segretarju Ezekuttiv mall-Kunsill Lokali tal-Gudja;**

Dan l-item ma kienx diskuss.

041.6. **Intervisti: Post Vakant ghall-Ufficjal Ezekuttiv (skala 13) mall-Kunsill Lokali tal-Gudja;**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li wara li ghalqet id-data tal-applikazzjoni, il-Kunsill ircieva hames applikazzjonijiet ghall intervista ta` Ufficjal Ezekuttiv, fejn wara li sejhu ghall-intervisti, attendiet persuna wahda biss. Ghall-intervisti kienu prezenti s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sindku talbet sabiex is-sejha tohrog pubblika. Dwar dan kien hemm qbil.

041.7. **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

Dan l-item ma kienx diskuss.

041.8. **Rapporti;**

Ma kienx hemm rapporti.

041.9. **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)**
d. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
e. **Ġnien Ġlormu Cassar – progress**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li xoghlijiet fi Gnien Glormu Cassar kwazi lesta u mistenni li jinfetah fil-gimghat li gejjin.

041.10 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Dan l-item ma giex diskuss.

041.11 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fid-disgha u ghaxra ta` filghaxija (9.10pm). Is-Sindku aġġornat l-kontinwazzjoni ta` din il-laqgħa għal nhar il-Hamis 11 ta` Frar 2021 fil-hamsa u nofs ta` filghaxija (5.30pm) fuq l-istess agenda.

Konfermati, illum Tlieta 9 ta` Marzu 2021

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv